MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 735/2005

Awtorita` Marittima ta' Malta
vs
Middlesea Insurance p.l.c., Elmo Insurance Limited, Atlas Insurance Limited u Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenti lokali tas-socjeta` assikuratrici estera Societa` Italiana Assicurazzioni e Riassicurazioni s.p.a. (SIAT)

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni attrici li biha ppremettiet:

Illi bejn it-tletin (30) ta' Jannar elfejn u tlieta (2003) u s-sitta (6) ta' Frar elfejn u tlieta (2003) maltempata hakmet il-gzejjer Maltin u kkawzat hsarat f'xogholijiet li kienu qed jigu ezegwiti mill-Awtorita` attrici permezz ta' kuntratturi taghha, fuq moll ic-Cirkewwa.

Illi dan l-incident u l-konsegwenzjali danni in kwantu jikkostitwixxu ***material damage*** ghall-Awtorita` attrici, kienu koperti b'polza ta' l-assigurazzjoni tat-tip ***"Contractors All Risks"*** li ggib in-numru zero, zero, erba', disa', tnejn wiehed, wiehed, wiehed, disa', seba', tnejn, zero, wiehed (0049211197201) mahruga mis-socjeta` konvenuta l-Middlesea Insurance p.l.c. fit-tmienja (8) ta' Ottubru elfejn u tnejn (2002) flimkien max-***"Schedule"*** u l-***"Endorsements"*** relativi. (Dok A)

Illi l-imsemmija polza giet iffirmata mis-socjeta` konvenuta Middlesea Insurance p.l.c. fil-kapacita` ta' ***"Leading Company"*** u f'isem is-socjetajiet konvenuti l-ohra u dan kif debitament awtorizzata u fil-proporzjonijiet indikati fl-imsemmija polza.

Illi mitluba b'ittra ufficjali tat-tlieta (3) ta' Marzu elfejn u hamsa (2005) (Dok B) biex jersqu bonarjament sabiex jindennizzaw lill-Awtorita` attrici ghad-danni materjali minnha sofferti fl-imsemmi incident, s-socjetajiet konvenuti naqsu.

L-Awtorita` Marittima ta' Malta talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-Awtorita` attrici soffriet danni materjali b'konsegwenza tal-maltempata li okkorriet bejn it-tletin (30) ta' Jannar 2003 u s-sitta (6) ta' Frar 2003 fic-Cirkewwa liema danni materjali kienu koperti bil-polza tat-tip ***"Contractors All Risks"*** li ggib in-numru zero, zero, erba', disa', tnejn wiehed, wiehed, wiehed, disa', seba', tnejn, zero, wiehed (0049211197201) mahruga mis-socjeta` konvenuta l-Middlesea Insurance p.l.c. fit-tmienja (8) ta' Ottubru 2002 flimkien max-***"Schedule"*** u l-***"Endorsements"*** relativi li nhargu f'isem il-konvenuti kollha fil-porzjonijiet indikati fil-polza.

2. Tillikwida d-danni kawzati b'rizultat tal-imsemmi incident okkorendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat fil-porzjon indikat ghal kull-wiehed minnhom fil-polza relattiva.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-tlieta (3) ta’ Marzu 2005 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-Awtorita` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi in linea preliminari l-Awtorita` attrici ddekadiet mid-drittijiet taghha taht il-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni u konsegwentament tilfet kull dritt li tavvanza l-pretensjonijiet taghha permezz ta’ din l-azzjoni u dan billi a tenur tal-klawsola numru tmienja (8) tal-***General Conditions*** tal-Polza, hija kienet tenuta li tipprocedi gudizzjarjament fit-terminu ta’ tlett xhur minn meta l-konvenuti nformawha li kienu qed jirrespingu l-pretensjonijiet taghha, haga li naqset taghmel, bil-konsegwenza illi a tenur tal-istess kondizzjonijiet hija tilfet kull dritt u beneficcju li seta’ kellha taht l-istess polza ta’ assigurazzjoni.

2. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li nonostante li s-socjetajiet assikuratrici kienu accettaw l-impjazzar tar-riskju a bazi tal-***Method Statement*** ta’ kif u meta kellhom jigu esegwiti x-xogholijiet, l-atturi naqsu li jesegwixxu l-istess xogholijiet konformament ma’ dan il-***Method Statement***. Dan il-***Method Statement*** kien jifforma parti integrali tal-Polza ta’ Assikirazzjoni u fuq kollox kien influenti fuq il-kunsens tal-assikuraturi.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghall-permess, it-talbiet attrici huma nsostenibbli ghar-raguni li l-hsarat u d-danni reklamati mill-atturi mhuniex koperti

mill-polza ta’ assikurazzjoni peress li huma espressament eskluzi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni reklamati mill-atturi huma eccessivi.

5. Illi f’kull kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta’ Oscar Borg ***Chief Executive*** mal-Awtorita` Marittima, li fih issemma li fl-10 ta’ Dicembru 2001, hu kien hareg struzzjonijiet ghan nom tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorita` Marittima ta’ Malta, lis-Sur Lawrence Pavia tal-Island Insurance Brokers sabiex tinhareg polza tal-assigurazzjoni (***Contractors` All Risks***) f’konnessjoni ma’ xogholijiet ta’ kostruzzjoni marbuta mal-progett gewwa c-Cirkewwa u l-Imgarr. Aktar tard hu kien gie nfurmat minn Jeanette Axisa, ***Administration Manager*** illi din il-polza saret principarjament (***leaders***) mal-‘Middlesea Insurance p.l.c.’ Bejn Jannar u Frar 2003 hu gie nfurmat minn Roger Sammut, ***Project Manager***, illi bhala rizultat ta’ maltempata b’forza 8 saret hsara konsiderevoli fuq l-estensjoni tal-***breakwater*** li kienet qed tinbena gewwa c-Cirkewwa. Hu kien ta struzzjonijiet lil Roger Sammut sabiex flimkien ma’ Jeanette Axisa tingabar l-informazzjoni kollha mehtiega halli tkun tista ssir ***claim*** mal-Middlesea Insurance p.l.c. Fl-1 ta’ Settembru 2003, hu kien gie nfurmat minn Mark Spiteri, ***Manager***

Island Insurance Brokers illi permezz ta' ittra datata 28 ta' Awissu 2003 mibghuta minn Patrick Muscat, ***Assistant General Manager (Designate) – Claims***, il-Middlesea Insurance p.l.c. kienet cahdet it-talba tal-Awtorita` ghall-kumpens skond il-***claim*** li ghamlet l-Awtorita`. Permezz ta' ittra mibghuta fit-18 ta' Settembru 2003 lill-Island Insurance Brokers hu irribatta ghall-argumenti li saru mill-Middlesea Insurance p.l.c. Fit-8 ta' Jannar 2004, ircieva ittra minghand Lawrence Pavia, ***Managing Director*** Island Insurance Brokers li maghha kien hemm mehmuza r-risposta tal-Middlesea Insurance p.l.c. ghall ittra tieghu tat-18 ta' Settmebru 2003. Aktar tard hu gie nfurmat illi l-Middlesea Insurance p.l.c, waqt li baqghet issostni l-pozizzjoni taghha, cioe` li l-opinjoni taghha ma kienx hemm bazi ta' ***claim***, offriet is-somma ta' Lm130,000 bhala pagament ***ex gratia***. Fis-16 ta' Frar 2005, saret laqgha bejn dirigenti tal-Awtorita` Marittima, Island Insurance Brokers u Middlesea Insurance p.l.c. sabiex tigi diskuss l-***claim*** tal-Awtorita`. Bhala rizultat ta' din il-laqgha intbaghtet ittra fl-1 ta' Marzu 2005 minn Lawrence Pavia lil Mario Grech, ***Chairman*** u ***Chief Executive*** Middlesea Insurance p.l.c. Fid-29 ta' Marzu 2005, irceva ittra minghand Lawrence Pavia li fiha nfurmah li l-Middlesea, permezz ta' risposta ghall-ittra tieghu, ma kenitx disposta li tirreferi l-kwistjoni ghall-arbitragg kif kien propost min-naha ta' Island Insurance Brokers. B'konsegwenza ta' rifjut tal-Middlesea Insurance p.l.c. sabiex il-kwistjoni tigi riferita ghall-arbitragg, l-Awtorita` Marittima ddecidiet sabiex tinfetah kawza legali kontra Middlesea Insurance p.l.c.

Rat l-affidavit ta' Jeanette Axisa, ***Administration Manager*** ma' l-Awtorita` Marittima ta' Malta li fih semmiet li f'Jannar tal-2001 inghatat istruzzjonijiet minghand ic-***Chief executive***, is-Sur Oscar Borg, biex tinxtara polza ta' l-assikurazzjoni ***Contractors All Risks*** minghand Island Insurance Brokers. F'Jannar/Frar 2003, Roger Sammut baghat ***e-mail*** jirrapurtalha xi hsarat wara maltempata fil-bini tal-***breakwater*** fic-Cirkewwa. L-ewwel notifika ta' dawn il-hsarat lill-***Insurance Brokers*** inghatat fis-6 ta' Frar 2003. Fit-12 ta' Frar 2003, sar l-ewwel ***survey*** minn ***surveyors*** appuntati minn MSI fis-sit tac-Cirkewwa.

Immedjatament Sur Roger Sammut kien beda jigbor l-informazzjoni u l-***claim*** bl-ewwel stimi tal-hsarat intbaghtet lil ***Brokers*** fit-3 ta’ April 2003. Sussegwentement kienu saru numru ta’ laqghat bejn l-MMA, il-***brokers*** u MSI. Fit-28 ta’ Awissu 2003 saret laqgha biex formalment l-MSI tintalab taghti l-pozizzjoni ufficjali taghha fuq il-***claim*** li l-MMA ghamlet rigward il-hsarat fil-moll tac-Cirkewwa. It-twegiba ta’ l-MSI kienet li tirrifjuta tikkonsidra l-***claim***. Fl-1 ta’ Settembru 2003 il-***broker*** ghan-nom ta’ l-Awtorita` baghat ittra lil MSI fejn ma accettax il-posizzjoni li hadet l-MSI. Saru diversi korrispondenza u laqghat kif imsemmija dettaljatament. Fis-16 ta’ Frar 2005 kien sar ***high level meeting*** bejn ic-***chairman*** tal-MMA u ic-Chairman ta’ MSI fil-presenza tal-***Brokers*** pero` l-partijiet baqghu distanti. Kif maqbul f’dan l-istess ***meeting***, fl-1 ta’ Marzu 2005 l-MMA ghamlet kontro-proposta ghall-offerta ta’ MSI u baghtet ittra ufficjali fl-istess hin. Fl-24 ta’ Marzu 2005 l-MSI irrifjutat il-kontro-proposta tal-MMA. Fis-29 ta’ Marzu 2005 il-***Brokers*** baghtet ittra ta’ MSI.

Xehdet Jeanette Axisa fejn qalet li filwaqt li kien hemm ***repudiation*** jigifieri kienu qeghdin jirrifjutaw il-***claim*** min-naha ta’ l-MMA fuq zewg ***stances*** miktuba fl-ittra Dok A a fol 41 tal-process f’dan id-dokument fejn hemm l-***endorsement*** imsemmijin, fl-istess ittra xtaqu jkomplu jinnegozjaw u infatti saru numru ta’ ***meetings*** fejn baqghet l-istess pozizzjoni. Komplew jinnegozjaw.

Rat l-affidavit ta’ Joseph Sammut maghruf bhala Roger ***Project Manager*** ma’ l-Awtorita` Marrittima ta’ Malta fuq il-progett ta’ zvilupp tal-portijiet tac-Cirkewwa, Malta u l-Mgarr, Ghawdex u qal li x-xogholijiet tal-kuntratt ta’ l-estensjoni tal-***breakwater*** ezistenti kienu bdew fil-bidu ta’ Lulju 2002. Hu semma fid-dettall il-prosegwiment tal-progett. Semma kif kienu marru jaraw il-hsarat fi Frar 2003 u x’laqghat attenda in segwitu tal-hsarat.

Rat l-affidavit ta’ Lawrence Pavia ta’ Island Insurance Brokers Ltd fejn issemma li l-hsarat fic-Cirkewwa saru fi Frar 2003. Gew appuntati ***loss adjusters*** u ***surveyors*** mill-kumpaniji ta’ l-***insurances***, u l-Malta Maritime Authority (MMA) kienet qed tiprepara dettalji tal-hsarat li

sofrew. F'Awissu 2003 il-kumpaniji ta' l-***insurance***, Middlesea Insurance plc u ***co-insurers*** ohra (MSI) bdew jindikaw li kienu jhossu li l-***claim*** ma kenitx koperta taht l-***insurance policy*** fuq il-bazi li l-MMA ma kienx aderixxa ruhu mal-***method statement*** u ghax ir-rih ma kienx forza 8 fuq Beaufort Scale. L-MMA u Island Insurance Brokers Ltd (IIB) ikkontestaw it-tnejn l-allegazzjonijiet tal-MSI. Semma d-diversi inkontri u korrispondenza u li fit-3 ta' Dicembru 2004 l-MSI ghamlet l-ewwel offerta ***ex-gratia*** Lm100,000. Din l-offerta kienet mizjuda ghal Lm130,000 fis-16 ta' Dicembru 2004. Fl-4 ta' Jannar 2005 l-MSI baghtet komputazzjoni dettaljata ta' kif waslu ghall-figura ta' Lm130,000. Fis-6 ta' Jannar l-MSI baghtet ukoll parti mir-rapport tal-***loss adjuster*** fejn spjegaw li hassu li parti mill-***claim*** ta' Lm29,400 kellha tigi mnaqqsa. Il-korrispondenza baqghet ghaddejja ghax-xhur ta' wara u kien sar ***high-level meeting*** bejn ic-Chairman ta' l-MSI, MMA u IIB fis-16 ta' Frar 2005.

Xehed <u>Patrick Muscat</u>, ***assistant general manager claims*** tas-socjeta` konvenuta u qal li hu kien parti fid-diskussjonijiet dwar din il-***claim***. Irrefera ghal dokument PMA (fol 175) li juri l-kundizzjoni numru 8 li fuqha qed jibbazzaw il-pozizzjoni taghhom, u ghad-dokument PMC (fol 178, li jitkellem dwar il-***method statement*** u t-***time schedule*** u l-***endorsements*** 34 u 35 tal-2001) li huwa l-ittra taghhom tat-28 t'Awissu 2003. Irrefera ghal diversi dokumenti u laqghat u ghaliex il-***claim*** ma kenitx koperta. Semma li kien hemm diversi diskussjonijiet li saru bla pregudizzju.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi s-socjeta` attrici li kienet assikurata permezz ta' polza ta' assikurazzjoni numru 0049211197201 mahruga mis-socjeta` konvenuta Middlesea Insurance p.l.c. fit-8 ta' Ottubru 2002. Wara maltempata li kkawzat hsarat f'xogholijiet li kienu qed jigu esegwiti mill-Awtorita`, u ntalbu li jigu rizarciti ghall-ispejjez ghall-hsarat sofferti permezz ta' ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu 2005 sabiex jiftehmu bonarjament dwar ir-rizarciment tad-danni materjali. Stante li ma sarx qbil bejn il-partijiet, l-Awtorita` Marittima pprocediet bil-kawza odjerna.

Min-naha l-ohra, is-socjeta` Middleasea Insurance eccepiet preliminarjament li l-Awtorita` attrici ddekadiet mid-drittijiet taghha taht il-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni u konsegwentement, tilfet kull dritt li tavvanza l-pretensjonijiet taghha permezz ta' din l-azzjoni u dan billi a tenur tal-klawsola 8 tal-***General Conditions*** tal-Polza, hija kienet tenuta tipprocedi gudizzjarjament fit-terminu ta' tliet xhur minn meta l-konvenuti nfurmawha li kienu qed jirrespingu l-pretensjonijiet taghha, haga li naqset li taghmel, bil-konsegwenza li hija tilfet kull dritt u beneficcju li seta' kellha taht l-istess polza ta' assikurazzjoni. Illi din is-sentenza ser tinghata strettament fuq din l-ewwel eccezzjoni.

Jibda biex jinghad li l-klawsola 8 tal-polza in kwistjoni tghid hekk:
"If a claim is in any respect fraudulent, or if any false declaration is made or used in support thereof, or if any fraudulent means or devices are used by the Insured or anyone acting on his behalf to obtain any benefit under this Policy, or if a claim is made and rejected and no action or suit is commenced within three months after such rejection or, in case of arbitration taking place as provided herein, within three months after the Arbitrator or Arbitrators or Umpire have made their award, all benefit under this policy shall be forfeited."

Bhala fatti jirrizulta li:

- Bejn Jannar u Frar 2003 inqalghet maltempata li kkawzat il-hsara.

- L-ewwel notifika ta' dawn il-hsarat lill-Insurance Brokers inghatat fis-6 ta' Frar 2003.

- Fit-12 ta' Frar 2003, sar l-ewwel ***survey*** minn ***surveyors*** appuntati minn MSI fis-sit tac-Cirkewwa.

- Il-***claim*** bl-ewwel stimi tal-hsarat intbaghtet lil ***Brokers*** fit-3 ta' April 2003.

- Fit-28 ta' Awissu 2003 saret laqgha biex formalment l-MSI tintalab taghti l-pozizzjoni ufficjali taghha fuq il-***claim*** li l-MMA ghamlet rigward il-hsarat fil-moll tac-Cirkewwa.

- Fl-1 ta' Settembru 2003, Oscar Borg kien gie nfurmat minn Mark Spiteri, ***Manager*** Island Insurance Brokers illi permezz ta' ittra datata 28 ta' Awissu 2003 mibghuta minn Patrick Muscat, ***Assistant General Manager (Designate) – Claims***, il-Middlesea Insurance p.l.c. kienet cahdet it-talba tal-Awtorita` ghall-kumpens skond il-***claim*** li ghamlet l-Awtorita`.

- Fis-16 ta' Frar 2005 saret laqgha bejn dirigenti ta' l-Awtorita` Marittima, Island Insurance Brokers u Middlesea Insurance p.l.c.

- Fl-1 ta' Marzu 2005 l-MMA ghamlet kontro-proposta ghall-offerta ta' MSI u baghtet ittra ufficjali fl-istess hin.

- Fl-24 ta' Marzu 2005 l-MSI irrifjutat il-kontro-proposta tal-MMA.

- Fid-29 ta' Marzu 2005 ittra ufficjali tal-kumpanija assikuratrici lill-Awtorita` Marittima ta' Malta.

- Ic-citazzjoni intavolata fit-12 ta' Awissu 2005.

F'dan il-kuntest, ta min ighid li fi ftehim bil-miktub, fil-kaz in ezami, il-polza, il-kontenut johrog mill-istess kitba. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Inferjuri tat-28 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Frendo vs Caruana** jinghad li huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, in attez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftehmu fuqu, ikun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat. Ara wkoll sentenza ta' din l-Qorti kif preseduta tat-22 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet **Simpson vs Saliba**. Fis-

sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet **Albert Brincat vs Anthony Saliba** deciza fl-14 ta' Novembru 1983, jinghad li jistghu jigu prodotti provi orali biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew ghall-impunjazzjoni ta' kitba, izda l-provi mhumiex ammissibli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga car – ara artikolu 1002 tal-Kap 16.

Fil-kaz taht ezami, ghandna l-polza, u l-kontenut johrog car mill-istess kitba. Issa l-punt sollevat f'din l-eccezzjoni jitratta l-klawsola 8 ta' din il-polza (fol 11). Illi l-kliem f'din il-klawsola huwa car, u ma jaghtix lok ghall-ebda interpretazzjoni. Huwa ovvju li l-***claim*** giet maghmula (b'mod formali fit-3 ta' Marzu 2005 ghalkemm kienet anke saret precedentement) u ***rejected*** (ic-cahda saret f'diversi okkazjonijiet inkluz bil-mod kif issemma minn Oscar Borg, izda b'mod formali fid-29 ta' Marzu 2005; ittra ufficjali fol 169). Bejn din l-ittra ufficjali u l-intavolar tac-citazzjoni ghadda minn April sat-12 ta' Awissu u cioe` kwazi erba' xhur u nofs, certament aktar mit-tliet xhur imsemmija. Ghalhekk stante li r-rifjut da parti tal-kumpanija Middlesea Insurance p.l.c. huwa datat 29 ta' Marzu 2005 (fol 113) u din il-kawza giet istitwita fit-12 ta' Awissu 2005, iz-zmien ta' tlett xhur mir-rifjut kien skada. Ara wkoll **Tax Free Services Limited vs Atlas Insurance Agency Limited** (Cit. Numru 2213/00) deciza fil-25 ta' Settembru 2006 mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri (b'riferenza ghall-klawsola 5 f'dak il-kaz – pagna 14). ***Pacta sunt servanda.***

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-ewwel eccezzjoni.

Spejjez kontra l-Awtorita` Marittima.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------